MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2006

Numru. 341/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**v**

**MARTIN JOSEPH XUEREB bin Anthony Joseph u Carmen Victoria nee' Vella, imwieled fit-tnax ta' Frar 1973 u residenti "Silver Fox", Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex, jew 9, Triq Monsinjur Guzeppi Farrugia, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 509090M.**

**Seduta ta' llum 24 ta' Awissu, 2006.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MARTIN JOSEPH XUEREB** bin Anthony Joseph u Carmen Victoria nee' Vella, imwieled fit-tnax ta' Frar 1973 u residenti "Silver Fox", Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex, jew 9, Triq Monsinjur Guzeppi Farrugia, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 509090M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, naqas li jhallas il-manteniment ghax-xhur ta' Frar 2006 u Marzu 2006 dovut lil Ruth Schembri ghaliha w ghal uliedha minuri meta hekk kien ordnat mill-Qorti tal-Magistrati skond digriet nru. 206/2002 mahrug mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL. D datat ghoxrin [20] ta' Frar 2003.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz d-digriet tal-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 1346 Anton Schembri u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod volunarju fejn qal li hu jahdem bhala driver u li ma jaffordjax li jaghti flus lil Ruth Schembri ghal uliedhom u li ma jridx jghaddilha ebda manteniment ghalkemm jaf li hu dovut.

Semghet lil Ruth Schembri tiddikjara seduta stante li l-imputat qatt ma hallasha manteniment minn Awissu 2005 wara li ghamlet referenza ghad-digriet esibit fl-atti.

Ikkunsidrat:

Illi stante li l-akkuza tirrizulta ppruvata, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat MARTIN JOSEPH XUEREB hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal gimghatejn habs mill-lum**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------